MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 392/2003

**Robert Arrigo & Sons Limited**

**Vs**

**Lawrence Borg u martu Giacinta Borg**
**bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti**
**ma' l-istess Lawrence Borg**

**IL-QORTI.**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Ottubru, 2002 (Dok. RA1), il-konvenut Lawrence Borg kien ikkostitwixxa

ruhu bhala debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitta u ghoxrin elf tlett mija erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm26,344) u dan ghar-ragunijiet hemm kontenuti;

Premess illi nonostante li l-konvenut Borg kellu jhallas is-somma ta’ tnax-il elf mija u disgha u hamsin Lira Maltin (Lm12,159) sa gimgha mid-data ta’ l-imsemmija skrittura u l-bilanc ta’ erbatax-il elf mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (Lm14,185) sa xahar mid-data ta’ l-imsemmija skrittura, huwa baqa’ inadempjenti;
Premess illi s-socjeta’ attrici nterpellat lill-konvenuti mizzewgin Borg sabiex jaddivjenu ghall-pagament (DOK RA2 u DOK RA3) izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta’ l-affidavit ta’ l-attur nomine (Dok. RA4) m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu s-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitta w ghoxrin elf tlett mija erbgha w erbghin Lira Maltin (Lm26,344) dovuti ghar-ragunijiet suesposti;

2. Tikkundannhom ihallsu l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez ta’ l-ittri legali datati 24 ta’ Jannar, 2003 u 9 ta’ April, 2003 tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-Sur Anthony German ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici a fol. 2 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 14 tal-process fejn eccepew:**

1. Illi Giacinta Borg hija ghal kollox estranea ghall-iskrittura illi hemm u r-ragel ma jirrizultax illi kien awtorizzat minn martu bi prokura kif trid il-ligi biex jista

jorbotha ghal debitu kif imsemmi fl-istess skrittura u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici.

2. Illi Lawrence Borg ghandu jaghti ammont ferm izghar minn dak patwit fl-iskrittura stante pagamenti u hlasijiet illi kellhom isiru mill-istess ammonti ghan-nom ta' Robert Arrigo & Sons Ltd kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Lawrence Borg a fol. 14 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Il-FATTI**

Is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' Lm26,344 minghand il-konvenuti a bazi ta' skrittura privata ffirmata bejn il-partijiet fl-24 t'Ottubru 2002 (a fol. 3 tal-process). Fl-iskrittura hemm miktub illi l-ammont huwa cert u likwidu u huwa dovut *for monies collected for airline packages on behalf of Robert Arrigo and Sons Ltd and Arrigo Malta Holidays* u hija ffirmata minn Robert Arrigo ghan-nom tas-socjeta` attrici u mill-konvenut Lawrence Borg.

Meta l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas dan l-ammont kif kien miftiehem, huwa baqa` inadempjenti

**KONTESTAZZJONI**

L-atturi qed jissottomettu dwar l-ewwel eccezzjoni li ma ngabu ebda provi; il-konvenuta ma xehditx, u l-konjugi ghandhom jigu citati t-tnejn minhabba l-partecipazzjoni taghhom fil-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Dwar it-tieni eccezzjoni fl-iskrittura a fol 4 l-atturi jirritjenu li hemm konferma li l-ammont huwa dovut u li mid-data ta' l-iskrittura ma sar ebda pagament u ebda negozju iehor ma l-atturi. Id-dokumenti li gew ezibiti tal-kumpanija Arrigo Group Ltd m'ghandhomx x'jaqsmu mal kumpanija attrici.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qed jissottometti li dwar l-ewwel eccezzjoni mart Lawrence Borg ma kienitx involuta fl-iskrittura ezibita u ma tat ebda prokura lill konvenut.

Dwar it-tieni eccezzjoni l-konvenut jghid li r-rapport tieghu kien ma Arrigo Malta Holidays ta' barra minn Malta u ma giet ezibita ebda skrittura kif il-kreditu ta' Arrigo Malta Holidays ghadda ghand l-atturi. Ghalhekk il-konvenut ma setghax jiddikjara li huwa cert u likwidu debitur ta' kumpanija Maltija. Inoltre d-debitur tal-obbligazzjoni originali kien South Rays ta' l-Ingilterra li kienet qed tircievi l-flus u kienet iddiljat ma Arrigo Malta Holidays. Skond il-konvenut l-atturi strahu fuq l-iskrittura li bl-ebda mod ma tiggustifika rapport giuridiku bejn il-partijiet.

Imbaghad fil-kors tal-kawza l-konvenut allega wkoll li hu kien iffirma dina l-iskrittura taht duress minhabba li kienu nqabdu turisti hawn Malta u ma kienux se jitthallew jitilqu jekk ma jiffirmax.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Duress

Dwar l-allegazzjoni li saret mill konvenut fil-mori tal-kawza, li huwa ffirma l-skrittura taht duress, il-Qorti tirrileva li din l-allegazzjoni m'hijiex wahda mill-eccezzjonijiet li ressaq il-konvenut u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex ser tidhol fil-mertu taghha. Ghal kull bon fini jigi notat li l-konvenut ma gab ebda prova biex jissostanzja din l-allegazzjoni tieghu.

### L-Ewwel Eccezzjoni

Il-konvenuti eccepew illi Giacinta Borg, mart Lawrence Borg hija estranea ghall-iskrittura u konsegwentement ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Huma

jsostnu illi ladarba Lawrence Borg ma kellux prokura ta' martu, l-obbligazzjonijiet li hu kkuntratta m'ghandhomx jorbtu lil martu wkoll.

Il-Qorti tirrileva li mhux kull att li jsir minn persuna mizzewga jirrikjedi l-firma jew il-prokura tal-persuna l-ohra sabiex jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-ligi stess tistipula diversi okkazjonijiet fejn att li jsir minn konjugi wiehed jorbot ukoll lill konjugi l-iehor. Fil-fatt l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili taghna jistipula illi atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu ezercitati minn parti wahda biss mill- mizzewgin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux maghmula in relazzjoni ma' dik is-sengha, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja (ara sentenza App Bugeja vs Micallef 27/6/2003)

Inoltre jigi rilevat li l-konvenuta Giacinta Borg ma hadet ebda passi biex tannulla l-att li hija tghid li sar minghajr l-awtorizzazzjoni taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tiddeciedi li l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet ghalkemm iffirmata biss mill-konvenut Lawrence Borg, xorta wahda torbot lil martu Giacinta Borg ghax l-iskrittura tikkostitwixxi att normali ta' gestjoni ta' kummerc kif stipulat fl-artikolu 1324. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**It-Tieni Eccezzjoni**

Il-konvenuti eccepew ukoll li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici huwa wisq inqas minn dak mitlub fil-kawza odjerna. Fil-fatt a fol 21 il-konvenuti jiddikjaraw li huma ghandhom jaghtu biss Lm4277.80.

Il-Qorti pero' tirrileva illi l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa l-ammont dikjarat bhala dovut a bazi ta' iskrittura privata u xejn aktar fejn il-konvenut qed jiddikjara ruhhu bhala bhala cert u likwidu debitur. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk din il-iskrittura ghandhiex forza bejn il-

partijiet. Kemm il-darba li skrittura privata li permezz taghha l-kontraenti jintrabtu, tkun cara, id-dmir tal-Qorti huwa limitat in kwantu hija ghandha l-obbligu li taghti esekuzzjoni ghal dak li l-partijiet jkunu ftehmu. Huwa biss jekk it-termini tal-ftehim huma oskuri li jridu jigu kunsidrati dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu (ara sentenza App Civ Vella vs Abela 14/1/2002).

Fil-kaz in ezami ladarba n-negozjati bejn il-partijiet wasslu biex issir l-skrittura imsemmija, ma hemmx ghalfejn li l-Qorti toqghod tezamina dak li ntqal qabel jew wara tali skrittura, ghaliex ladarba l-iskrittura hija konformi mal-formalitajiet rikjesti mil-ligi, allura tali skrittura ghandha l-forza bejn il-partijiet.

Kif intqal fis-sentenza Alfred Vella Gera vs. Edwin Bonnici pro et noe mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (12/7/65) : *“Provi, mhux biex jispjegaw jew jikkwalifikaw xi haga ambigwa jew oskura fl-iskrittura, izda biex jippruvaw ftehim differenti, mhumiex permessi.”* Il-provi mressqa mill-konvenuti ghandhom l-intenzjoni illi jippruvaw ftehim differenti. Fil-fatt il-konvenuti qed jikkontendu li mill-ammont li kellhom jaghtu lill Arrigo Holidays Malta (mhux lill atturi) ghandhom jitnaqqsu xi spejjez. Dan pero’ ma jaghmilx l-iskrittura ambigwa jew oskura.

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuti li l-atturi strahu fuq l-iskrittura li bl-ebda mod ma tiggustifika rapport giuridiku bejn il-partijiet, jigi rilevat, li apparti dak li ghadu kemm intqal dwar l-iskrittura, f’ dina l-iskrittura l-konvenut iffirma li l-ammont huwa dovut *for monies collected for airline packages on behalf of Robert Arrigo and Sons Ltd and Arrigo Malta Holidays.*

Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li l-ammont mitlub hu dovut a bazi ta’ l-iskrittura privata ezibita.

**DECIZJONI**

Ghal dawn motivi;
il-Qorti tiddeciedi

billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara lill-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici fis-somma ta’ sitta u ghoxrin elf tliet mija erbgha u erbghin Lira Maltin (Lm26,344),
u tikkundannahom ihallsu dan l-ammont bl-imghax mid-data tal-iskrittura privata u cioe` mill-24 t’Ottubru 2002.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------